# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 47/2016

Seduta tal-1 ta' Dicembru, 2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Michael Sammut**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Michael Sammut, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 242172M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Bejn l-1 ta' Frar, 2014 sa l-1 ta' Lulju, 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil Stephania Sammut, is-somma ta' €378.68, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Jannar, 2016 li biha sabet lill-appellant hati u kkundannatu ghall-piena ta' xahrejn prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat lill-imputat ihallas is-somma ta' elfejn u hames mitt euro (€2,500) lil Stephania Sammut fi zmien 6 xhur ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Michael Sammut, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u b'mod sussidjarju, l-esponenti jitlob li tkun imposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dak il-manteniment lamentat fl-imputatazzjoni;
2. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z)

tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

3. Issa, l-appellant irtira l-aggravju u t-talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza appellata u jifdal biss li jkun deciz l-aggravju u t-talba dwar il-piena. Ghal motivi espressi *supra* filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata, tirriforma l-istess billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati, tibdiliha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' prigunerija ta' xahrejn sospizi ghall-sentejn fit-termini tal-artikolu 28A u ordnatlu jhallas is-somma ta' €2500 fi zmien sitt xhur fit-termini tal-artikolu 28H tal-Kap 9, u minflok tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien xahar mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-ligijiet ta' Malta;

4. Il-Qorti ghaddiet biex tispjega lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.